MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## CLAIRE-LOUISE STAFRACE

Seduta ta' l-1 ta' Lulju, 2011

Numru. 74/2011

**Il-Pulizija**
**[Spettur Angelo Gafa`]**

**vs**

**Jeanne Pierre Axiaq**

**Il-Qorti,**
Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Jeanne Pierre Axiaq detentur tal-karta tal-identita` numru 7984(M).

Akkuzat talli:
F'dawn il-Gzejjer, fis-27 ta' Marzu 2009 u fix-xhur u s-snin ta' qabel, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti li jiksru l-istess disposizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b'risoluzzjoni wahda, ikkorrompa ufficjal jew impjegat pubbliku li naqas li jaghmel dak li kien fid-dmir tieghu li jaghmel;

Kif ukoll talli fl-istess perjodu, lok u cirkostanzi, b’diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti li jiksru l-istess disposizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b’risoluzzjoni wahda, ta ordni lil haddiehor biex jaghmel delitt, jew gieghel li d-delitt isir b’mezz ta’ rigali, jew ta struzzjonijiet biex isir id-delitt, jew b’xi mod li jkun, xjentement, ghen jew assista lill-awtur jew awturi tad-delitt, fl-atti illi bihom dawn, taw dikjarazzjoni falza jew certifikat falz;

U aktar talli fl-istess perjodu, lok u cirkostanzi, b’diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti li jiksru l-istess disposizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b’risoluzzjoni wahda, talab, ircieva jew accetta xi offerta jew weghda ta’ xi vantagg mhux xieraq ghalih innifsu jew ghal hadd iehor bil-ghan tesercita xi influwenza mhux xierqa fuq il-mod kif tiddeciedi xi persuna li hemm imsemmija fis-Sub-titolu IV tat-Titolu III tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;
Kif ukoll talli fl-istess perjodu, lok u cirkostanzi, b’diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti li jiksru l-istess disposizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b’risoluzzjoni wahda, ta ordni lil haddiehor biex jaghmel delitt, jew gieghel li d-delitt isir b’mezz ta’ rigali, jew ta struzzjonijiet biex isir id-delitt, jew b’xi mod li jkun, xjentement, ghen jew assista lill-awtur jew awturi tad-delitt, fl-atti illi bihom dawn, sabiex jiksbu xi vantagg jew beneficcju ghalihom jew ghal haddiehor, f’xi dokument mahsub ghal xi awtorita` pubblika, xjentement ghamlu dikjarazzjoni jew stqarrija falza, jew taw taghrif falz;

U aktar talli fl-istess perjodu, lok u cirkostanzi, b’diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti li jiksru l-istess disposizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b’risoluzzjoni wahda, ta ordni lil haddiehor biex jaghmel delitt, jew gieghel li d-delitt isir b’mezz ta’ rigali, jew ta struzzjonijiet biex isir id-delitt, jew b’xi mod li jkun, xjentement, ghen jew assista lill-awtur jew awturi tad-delitt, fl-atti illi bihom dawn, halfu l-falz quddiem ufficjal li kellu s-setgha b’ligi li jaghti l-gurament.

Il-Qorti giet  mitluba sabiex f’kaz ta’ htija, barra li tinfliggi l-pieni stabbiliti mil-ligi, tapplika l-provvedimenti ta’ l-Artikoli 109 u 119 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat id-dokumenti;

Semghet il-provi;

Rat l-ezami tal-imputat fejn irregistra ammissjoni ghall-akkuzi kif dedotti kontrih u l-konferma ta' tali ammissjoni wara li nghata z-zmien opportun sabiex ikun jista' jirregola ruhu.

Ghal dawn il-motivi, u wara li rat l-Artikoli 115(c), 42, 185, 188, 108 u 109 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, qed issib lill-imputat Jeanne Pierre Axiaq hati tal- akkuzi kif dedotti kontrih u bl-applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kap 9 qed tikkundannah sentejn (2) prigunerija sospizi ghal erba' (4) snin. Inoltre u bl-applikazzjoni tal-Artikolu 119 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta qed timponi u tikkundanna lill-istess imputat interdizzjoni perpetwa, kif ukoll interdizzjoni milli l-imputat jservi bhala xhud, hlief quddiem il-Qrati tal-Gustizzja, u bhala perit, f'kull kaz li jkun.

Finalment spjegat fi kliem semplici r-riperkussjonijiet jekk din l-ordni ma tigix obduta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------